MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2005

Avviz Numru. 393/2003

**Citadel Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurati taghha Antoine Micallef u Islander Tourist Services Limited u l-istess Antoine Micallef u Islander Tourist Services Limited**

**vs**

**Paul Scerri**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat it-30 ta' Lulju tas-sena 2003 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat;

1. Illi jhallas lill-atturi s-somma ta' elf disa' mija tlieta u sittin Lira Maltija u sitt centezmi, (LM1963.06,0), rapprezentanti danni sofferti u spejjez

ohra inkorsi mill-atturi bhala konsegwenza u in segwitu ta' incident stradali li sehh fl-24 ta' Dicembru tas-sena 2000 fi Triq Sant' Andrija, San Giljan, bejn il-vettura CBE - 997 misjuqa mill-konvenut u l-vettura CAK – 661 proprjeta' tal-assikurati tas-socjeta' attrici u dan prevja id-dikjarazzjoni li l-incident premess gara unikament tort tieghu;

2. Bl-imghaxijiet mid-data tal-ittra ufficjali u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ta' Dicembru 2002;

3. Il-konvenut huwa ingunt ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut datata d-19 t'Awissu tas-sena 2003 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt billi l-incident tat-traffiku meritu ta' din il-kawza ma garax tort u htija tal-eccipjent, izda gara unikament tort tal-assikurat ta' l-attur, Cor Van de Cappelle, is-sewwieq tal-vettura numru CAK – 661, li naqas milli josserva r-regolamenti tat-traffiku waqt li kien qed isuq din l-istess vettura u dana meta l-eccipjenti li kien qed isuq il-vettura numru CBE – 997 kien qed isuq gewwa "*box junction*" fejn hemm "*criss-cross yellow lines*" fejn grat il-habta, u dana kif sejjer jigi ampjament pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza anki permezz ta' ritratti mehuda immedjatament wara l-incident;

2. Illi stante li dan l-incident ma garax tort tal-eccipjenti, l-ebda ammont ma huwa dovut lill-atturi in linea ta' danni, liema talba f'dan ir-rigward hija ghal kollox ezagerata u dana kif sejjer jigi pruvat waqt il-kawza, u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

3. Salv eccezzjonijiet ohra;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti;

1. Illi l-incident awtomobilistiku meritu ta' din il-procedura sehh ghall-habta tas-siegha u nofs ta' wara nofs inhar ta' l-24 ta' Dicembru tas-sena 2000, fi Triq Sant' Andrija, San Giljan;

2. Illi l-vetturi nvoluti kienu dik tal-marka Kia Avella bin-numru ta' registrazzjoni CAK – 661 misjuqa mill-assigurat tas-socjetajiet atturi certu Cor Ven de Cappelle u dik tal-marka Fiat bin-numru ta' registrazzjoni CBE – 997 misjuqa mill-konvenut Paul Scerri;

3. Illi jirrizulta wkoll li b'rizultat ta' dan kienu wkoll weggghu hafif xi persuni, (ara fol 10);

Ikkunsidrat;

Illi d-dinamika effettiva ta' l-incident tista' tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:

1. Illi l-konvenut Paul Scerri kien qed isuq fid-direzzjoni lejn San Giljan hekk kif wiehed johrog mis-Swieqi;

2. Illi jirrizulta li kien hemm hafna traffiku tiela' fi Triq Sant' Andrija gie imsemmija, fid-direzjoni lejn Bahar il-Caghaq;

3. Illi kif kien imiss lill-vettura tal-konvenut tohrog mis-Swieqi biex tipprocedi lejn San

Giljan, hekk kif din l-vettura kienet, kif tidher fl-iskizz a fol 17, iccentrata fuq il-linji sofor dijagonali, il-vettura misjuqa mll-assigurat tas-socjetajiet attrici baqghet diehla fuqha;

4. Illi skond id-depozizzjoni ta' mart il-konvenut, (ara fol 22), jirrizulta li dan l-istess assigurat tas-socjetajiet attrici dahal fil-karreggjata opposta biex qabez it-traffiku li kien qed jipprecedieh u ghalhekk ikkaguna l-incident de quo, (ara fol 22 u 23);

Ikkunsidrat;

Illi in vista tal-premess ghandu jkun pacifiku li l-konducent Cor Van der Cappelle kien il-persuna responsabbli ghall-akkadut stante li b'rizultat tas-sewqan skonsiderat tieghu fuq sintetikament indikat, hu kkaguna l-incident in dizamina;

Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li tirrespingi t-talbiet attrici, takkolji l-eccezzjonijiet tal-konvenut u konsegwentement tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez.

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------